GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 16 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it- Tnejn 22 ta' Marzu 2010, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Fuljett;
5. Tenders;
6. Part-timer;
7. Jum Hal Għaxaq;

9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

## 1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 15 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peres li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekondat l-Kunsillier Aġius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. **Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar item 3.1 Is-Segretarju kitbet lis-Sur Natalino Attard, Direttur Għal Gvern Lokali dwar il-karigi politiċi li għandhom żewġ kunsilliera u dan wiegeb li "jista' jitressaq kaz jekk il-karigi msemija jkunu tali li jtellfuhom milli jwettqu l-funzjoni tagħhom ta' kunsillieri.

2. Is-Sinjura Said (skrivana part-time attendiet is-*Seminar tal-ICT – Enabled Sustainability in Smart Cities fit 3 ta' Marzu 2010).* Fost il-kelliema lokali kien hemm rapprezentant tal-MITA li spjega x'qed isir mid-dipartiment tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' IT fuq skala nazzjonali u fid-dipartimenti tal-Gvern.

   Kelliem ieħor kien mill-ARMS Ltd li hija kumpanija ġdida li qed tieħu ħsieb il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Spjega fuq is-sistema ġdida ta' *smart grid* li ser tibda tagħti hafna nformazzjoni lill-konsumatur minn ġewwa daru u kif ser isir aktar effiċjenti l-ġbir ta' kontijiet.

   Mr. Eric Flask mill-MCAST spjega kif kumpaniji Maltin jistgħu jużaw is-servizzi ta' l-IDEAL-ist biex ikunu jistgħu isibu partners minn pajjizi barranini għal xi proġetti li jkunu ser jidħlu għalihom.

   Il-kelliema l-oħra kienu barranini minn pajjizi oħra ta' l-Ewropa li tkellmu fuq proġetti li daħlu għalihom b'fondi mill-Unjoni.

3. Is-Sindku u s-Sinjura Said marru għall-laqgħa ta'nformazzjoni li nżammet fil-5 ta' Marzu 2010 il-lukanda Dolmen fejn ingħata tagħrif dwar il-funzjonijiet ta' l-*Steering Committee* u temi li ser jiġu milquta matul is-sena 2010. Semmew l-agrikultura, il-problema ta' l-ilma fost affarijiet oħra. Kelliema oħra kienu rapprezentanti tal-GAL, Majjistral u Għawdex.

4. F'laqgħa li saret nhar it-tnejn 15 ta' Marzu 2010 dwar Applikazzjoni għall-fondi "Promozzjoni ta' Turizmu Sostenibbli", is-Sindku attenda flimkien mas-Sinjura Said u waqt din il-laqgħa ġie spjegat fid-dettall kif għandha timtela l-applikazzjoni għall-fondi .Ser nibgħatu e-mail lid-Dipartiment biex jitlob Estensjoni ta' l-għeluq tas-sejħa . Is-Sindku qal li aktar ma l-Kunsill japplika għal affarijiet aktar jinkisbu punti biex wieħed jingħata l-fondi. Is-Sindku qal ukoll li jixtieq japplika biex issir platform għall-ilma tax-xita biex ikun jista jintuza. Jagħmel ukoll dawl votovoltaic għat-turretta.

Is-Sur Vassallo qal ukoll li jsir uffiċċju ta' nformazzjoni u jiġu nfurmati l-gwidi tat-turisti dwar it-turretta. Is-Sinjura Agius qalet li nistgħu niksbu nformazzjoni mingħand l-għaqda Din l-Art Helwa dwar x'uzu kellha t-turretta fl-antik, u kif kienet tiffunzjona.

5. Dwar l-impjant tar-Rock Cut, is-Sindku qal li kellu laqgħa flimkien mas-Segretarju ma' rapprezentanti tal-MEPA u wara li dawn raw ir-ritratti li wrielhom is-Sindku fejn jidher biċ-ċar li l-Kumpanija Rock Cut qiegħda topera u tagħmel il-konkos, dawn l-*enforcement officers* tal-MEPA qalu li se jieħdu passi. Sadanittant se jiġi avviċinat l-avukat tal-Kunsill, Dr. Luciano Busuttil biex jiftah kawża ta' nibizzjoni minħabba li waqt li l-Kumpanija Rock Cut ġiet avviċinata mill-Qorti din xorta baqgħet tagħmel ix-xogħol tal-konkos.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u emails):-**

1.Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien hemm diversi korrispondenza dwar il-kodiċi ta' etika.
Irċevejna wkoll sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tattendi Seminar fl-24 ta' Marzu, 2010 kif wkoll sabiex tattendi għal xi korsijiet li ser isiru bejn is-7 u d-9 ta' April, 2010, ġewwa Ħal Lija.
Mid-Dipartiment irċevejna il-formoli ta' l-ETC ta' tmiem u bidu ta' mpjieg mal-Kunsill u mad-Dipartiment Għal Gvern Lokali rispettivament tas-Segretarju Eżekuttiv.
Ġejna nfurmati li l-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill dwar Memo 32/2010 ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' € 8,400 għal xogħolijiet fis-Service Rd., Vjal il-Labour u l-Bypass ħdejn il-funtana, ser issir il-preżentazzjoni fit-30 ta' Marzu, fit-3:30p.m., il-Barrakka ta' Fuq.
Mid-Dipartiment bagħatu jekk il-Kunsill għandux post sabiex ikun jista' jakkomoda Uffiċċju Reġjonali fi ħdan l-istess bini tal-Kunsill, fejn dan ġie mwieġeb.
Ġejna nfurmati wkoll li l-Applikazzjoni ta' Memo 27/2010 ġiet shortlisted fejn talbu wkoll xi permessi.
Infurmawna wkoll li fir-rigward ta' Memo 16/2010 ser issir il-preżentazzjoni fit-13 ta' April, 2010, fil-11:30 a.m. li għaliha ser jattendu s-Sindku w s-Segretarju Eżekuttiv.

Irċevejna wkoll Memo 38/2010 dwar Żjara tal-Q.T. Papa Benedittu XVI f'Malta fis-17 u t-18 ta'April, 2010, sabiex ma jinħarġux permessi għal xogħlijiet fit-toroq f'dawk il-lokalitajiet li ser jgħaddi minnhom il-Papa. B'żieda ma' din il-Memo ġejna nfurmati li jekk minn fejn ser jgħaddi l-Papa hemm l-iskips sabiex jiġu mċaqalqa mingħajr ma jkunu ta' nkonvenjent għar-residenti. Dwar dan l-istess suġġett intbaghatu xi *e-mails* lis-Sur Bonello u anke ritratti sabiex tiġi *upgraded* parti li hemm fil-Bypass.
Memo 39/2010 li tittrata dwar Sejħa għal Proposti taħt il-FEŻR 2007-2013 immirata għall- Kunsilli Lokali.
Memo 40/2010 din tittrata d-Dokument tar-Riforma tas-Sistema ta' l-Infurzar Lokali.
Memo 41/2010 dwar Linji Direttivi dwar il-Kumitati Reġjonali.
Memo 42/2010 dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 15510 dwar kemm inħarġu Offerti fis-sena 2009 mill-Kunsilli Lokali.
Memo 43/2010 dwar Sejħa għal Segretarji Eżekuttivi mal-Kumitati Regjonali.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna dwar Televiżjoni Diġitali – Ninfurmaw liċ-Ċittadini dwar il-bidliet meħtieġa.
Irċevejna wkoll dwar il-kwistjoni tal-ħlasijiet pendnenti mill-MEPA lill-Kumitati Konġunti.
Irċevejna wkoll dwar is-sejħa ta' l-ERDF.
Infurmaw ukoll li ser isir laqgħa dwar ir-Riforma ta' l-Infurzar Lokali, fis-7 ta' April, 2010, fis-2:00 p.m., ġewwa l-Kunsill Lokali ta' B'Kara.

Irċevejna wkoll id-dokumenti meħtieġa dwar il-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki li ser isir bejn l-14 u l-15 ta' Mejju, 2010, ġewwa Għawdex.
Mill-A.K.L. irċevejna wkoll dwar il-Jum Dinji tas-Saħħa, 2010. Għal din l-istess ċirkulari bagħatet Claudette Abela Baldacchino fejn ipproponiet li tiġi organizzata fuq bażi ta' reġjun.
Irċevejna Stqarrija għall-Istampa Nru.5 dwar Appell fil-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill ta' Ewropa….Ħtieġa li jiġi osservat l-operat tal-Gvern Malti fil-Ksur tac-Charter Ewropew għall-Gvern Lokali"-
Irċevejna wkoll dwar Ittra li ġiet mibgħuta mill-AKL lill-WSC ( kopja kienet mehmuża).

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 42/10 dwar bini ta' *penthouse* fi Triq G. Demcoli; PA 5205/09 għal kostruzzjoni ta' żewġ flats fi Triq il-Gistakor; PA 208/10 dwar alterazzjoniiet interni f'residenza Nru. 27 fi Triq il-Fejġel;
PA 520/10 dwar kostruzzjoni ta' garaxxijiet fi Triq il-Millieri, Niġem, Ħabb il-Qamħ u Lellux.
Applikazzjonijiet ġodda ta' żvilupp Nru. PA 421/10 fuq xi alterazzjonijiet f'sit fi Triq il-Pitirross.
Irċevejna Applikazzjonijiet PA 421/10 dwar xogħol fi Triq il-Pitirross. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf aktar fid-dettal dwar dan il-proġett, u ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-MEPA fejn titlob deskrizzjoni tal-proġett.; PA 442/10 dwar diviżjoni ta' garaxx fi Triq Don V. Scicluna Hernandez u PA 860/10 sabiex jiġi mġedded PA 3886/04 fi Triq il-Merill.

4. Mingħand l-Onor. Dr. C. Said dwar il-Konferenza Annwali li ser issir ġewwa Għawdex bejn it-22 u l-24 ta' April, 2010 kontra l-abbuż tad-droga, fejn il-Kunsill qed jiġi mħeġġeġ sabiex jattendi.
Mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke irċevejna e-mail il-programm b'konnessjoni mal-Konferenza li ser issir Għawdex, fejn qed jinfurmaw li jekk il-Kunsill irid jissieħeb membru irid jħallas € 200. Il-Kunsill qabel li jissieħeb.

5. Mingħand Ms Darmanin mill-MEDC, fejn infurmat li sar posponiment fid-data tal-preżentazzjoni tal-kuntratti dwar Skema għall-Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali li tali attivita' ser isir fit-18 ta'Marzu, 2010, Ħal Qormi.

6. Mill-Awtorita' Maltija għar-Riżorsi rċevejna invit għal *workshops* rigward is-sistema ta' *photovoltaics* li ser isir fl-24 ta' Marzu, 2010. Għal dan il-workshop kien ser jattendi s-Sindku imma ġejna nfurmat li qiegħed *full up* u ma jistgħux jaċċettawna.

7. Mingħand il-MEUSAC irċevejna dwar il-Programm Italy-Malta 2007-2013, fejn saret laqgħa fit-8 ta’ Marzu, 2010.
Irċevejna wkoll dwar Expression of Interest ta’ l-ERDF fejn ingħataw ir-raġunijiet li l-Kunsill għandu sabiex ikun jista’ jibbenefika minn din l-iskema.

8. Mingħand it-*Transport Malta* rċevejna rapport rigward talba għal *reserved parking* ta’ Ms. Vella ta’ 32, ‘Tonsin’, Triq il-Gudja., fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkumenta dwar dan.

9. Mingħand il-Perit Scicluna dwar ix-xogħol li qed isir ta’ toroq mill-Kunsill Lokali.
Irċevejna wkoll stima ta’ toroq li l-Kunsill bi ħsiebu jżid mal-programm ta’ xogħol li qed jagħmel.

10. Mill-ETC dwar l-*Employability Programme* fejn irċevejna l-applikazzjoni għal dawn il-korsijiet sabiex jiġu mqassam lin-nies ta’ Ħal Għaxaq.
Irċevejna wkoll dwar l-Iskema Xogħol fil-Komunita’ għal dawk il-ħaddiema li għandna assenjati magħna fejn il-Kunsill intalab jibgħat konferma bil-miktub jekk iridx iżomm il- parteċipanti eżistenti u wkoll jekk għandux xi talbiet għal oħrajn ġodda. Fuq l-istess suġġett irċevejna wkoll e-mail mingħand is-Sur G. Zammit fejn informa lill-Kunsill li s-Sur Bonnici estendewlhu għal sitt xhur oħra.
Irċevejna e-mail mill-ETC dwar *Traineeship in Office Procedures – Call for Employers*.
Mill-ETC bagħatu li ser tiġi organizzata fiera fil-Park Nazzjonali ta Ta’ Qali fil-21 ta’ Marzu, 2010.

11. Mill-ASKLM fejn infurmaw li ser isir laqgħa għas-Segretarji Eżekuttiv fl-24 ta’ Marzu, 2010.

12. Tlett stimi ta’ uniformi għall-iskrivani mingħand il-Bortex, BTI u Jon David rispettivament.

| | Glekk | Qalziet | Dublett | Qmis |
|---|---|---|---|---|
| Bortex | €79.10 | €40.80 | €36.11 | €29.50 |
| BTI | €59.32 | €20.33 | €29.12 | €19.74 |
| John David | €93.29 | €48.17 | €36.22 | €20.85 |

Il-Kunsill iddecieda li l-uniformijiet jinxtraw mingħand il-BTI minħabba li l-prezz huwa raġonevoli.

13. Il-Kunsill ircieva tlett stimi oħra għal floor lights biex jitpoġġew ħdejn il-monument ta’ Jum il-Helsien, dawn kienu mingħand
Lux It = €209.80,
St. Joseph Ironmongers €140.00
MF Electrix €165.01
Is-Sur Abdilla qal li qabel tittiehed deċizjoni l-aħjar naraw il-materjal ta’ dawn id-dwal. Is-Sindku qal li issa jistaqsi lill tan-Nexos biex jara liema huma l-aħjar dwal.

14. Mill-GRTU fejn talbu biex jagħmlu laqgħa mal-Kunsill.

15. Irċevejna mandat mill-Qorti sabiex is-Sindku jitla' bħala xhud fis-26 ta' Mejju li ġej.

16. Mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp irċevejna stedina lis-Sindku u l-Kunsillieri għat-tqegħid tal-fjuri fid-19 ta' Marzu, 2010, fl-09:45 a.m. Il-Kunsill qabel li jinxtara bukkett fjuri għal festa ta' San Guzepp.

17. Stedina oħra mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun dwar 'Ġieħ iż-Żejtun' li ser issir fis-19 ta' Marzu, 2010.

18. Mingħand is-Sur Zammit fejn reġa' talab sabiex il-parti li tmiss ma' Ħal Għaxaq tkun tista' ssir bit-tarmak.

19. Mingħand il-Professur Edward Scicluna dwar Diskussjoni Pubblika fit-Teatru Orpheum, fit-12 ta' Marzu, 2010. Is-Sindku qal li hu attenda l-laqgħa u kellem lill-Professur Scicluna dwar l-impjant tal-ħażna taż-żejt. Il-Profs. Scicluna jixtieq jiltaqa mal-Kunsill għalhekk is-Sindku ser jagħmel appuntament għal-Kunsill biex jiltaqa mal-Profs. Scicluna.

20. Mingħand Claudette Abela Baldacchino dwar Tnedija – Akkademija Gvern Lokali.

21. Irċevejna stedina mill-Kappillan għall-Inawgurazzjoni ta' Vara ġdida li ser issir fil-25 ta' Marzu 2010, fis-7:30 p.m.

22. Mill-Kulleġġ San Benedittu f'St.Lucija, fejn infurmaw dwar il-*Prize Day*, li ser isir fil-21 ta' April, 2010. Il-Kunsill qabel li jagħti żewg kotba għal Prize Day.

23. Mill-Kunsill Lokali tal-Pieta' fejn stiednu lill-Kunsill għal 'Lejla ta' Riflessjoni', fl-24 ta' Marzu, 2010.

24. Mill-MTA talbu xi tagħrif mill-Kunsill Lokali dwar x'attivitajiet isiru bejn April u Diċembru sabiex jiġu nklużi fir-'*Rural Tourism Project*'.

25. Mingħand l-*Institute for Sustainable Energy* ircevejna sabiex nattendu Seminar fit-23 ta' Marzu, 2010, rigward enerġija u li għalih ser jattendu s-Sindku u l-Iskrivana li għandha *part-time*.

26. Mill-WSC irċevejna l-ftehim dwar xogħol li sar fi Triq Ħabb il-Qamħ, ir-Rebbiegħa, id-Dejl, il-Ħannieqa ( Parti) u l-Fejġel.

27. Għandna żewġ stimi għal *grass cutter* mingħand Gaetano Caruana Ltd. u Zahra Enterprises Ltd. rispettivament. Ġie deċiż li tinġieb stima oħra mingħand kumpanija oħra.

28. Mingħand Daniel Tabone tal-GreenPak fejn qed jirrakomanda li l-ġbir ta' l-iskart separat jiġi miġbur darba f'ġimgħa u mhux darbtejn kif diġa' ġie miftiehem.

29. Mit-TCTC irċevejna dwar il-kors immirat għat-tfal fis-Sajf 2010 bl-isem E-Tfal u ieħor bl-isem ta E-Council fejn hu iffukat fuq l-impjegati tal-Kunsill.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-MEPA dwar il-Permess ta' Żvilupp PA 4147/09 tar-Rockcut fi Triq il-Belt Valletta, fejn il-Kunsill minn naħa tiegħu għamel diversi oġġezzjonijiet.

b) Ittra lid-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn tlabna l-*guardianship* ta Ta' Ħaxum, biċċa art fi Triq Pawlu Cassar kif ukoll biċċa art oħra fi Triq il-Gudja k/m Dawret Ħal Għaxaq, fejn irċevejna rċevuta.

c) E-mail lil Dr. Busuttil sabiex jiktbilna bil-miktub rigward il-parir li tagħna sabiex il-Kunsill jerġa' joħrog sejħa oħra għall-Offerta dwar *Photovoltaic System* fil-*Housing Estate*.

d) E-mail lill-Ispettur Mercieca dwar tabella bl-isem ta' Triq iċ-Ċimiterju fejn din ġiet mormija f'għalqa fil-viċinanzi, sabiex tittieħed azzjoni.

e) E-mail lis-Sur Bonello ta' MRRA sabiex jiġi mnaddaf il-ġibjun li hemm fi Triq tal-Barrani k/m Triq Ħal Tarxien.

f) E-mail oħra lis-Sur Zammit ta' MJHA fejn is-Sindku talab li jiltaqgħu miegħu dwar il-ħabsi Ninu Falzon sabiex ikun jista' jagħmel xogħol fil-komunita'. Is-Sindku qal li s-Sur Falzon għandu s-sengħa tal-bini w s-Sindku bi ħsiebu jqabbad lil din il-persuna tagħmel dan ix-xogħol. Qal ukoll li din il-persuna tkun tistgha tnaddaf iż-żebbug li hemm fil-wied.

Is-Sur Abdilla qal li lis-Sur Falzon ma tkunx tista' thallih waħdu u xi ħadd irid jieħu responsabilta' tiegħu. Is-Sindku qal li hu se jieħu responsabilta' tiegħu kif ukoll imur għalih u jwasslu lura l-ħabs.

## 4. <u>Fuljett</u>

Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li joħrog il-Fuljett tal-Kunsill. Is-Sur Abdilla qal li hu għadu tal-fehema li s-*Survey* jintbaghat lir-residenti ħalli l-Kunsill ikun jaf x'jixtiequ r-residenti. Nitolbu r-residenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar jekk iridux ikollhom kuntatt regolari mal-Kunsill u jekk iridux jibagħatu l-indirizz ta' l-email lill-Kunsill. Is-Sindku qal li nitolbu l-kuntratturi għal reklami fil-fuljett.

## 5. <u>Tenders</u>

Waqt il-laqgħa infetħu t-*tenders* tal-Photovoltaic System. Kien hemm 4 tenders u dawn kienu mingħand, Whitefrost Co. Ltd, Alberta, Bajada International Solar System u Free Vault Technologies. (kopja tar-rizultati mhemuza). Dawn it-tenders ser jingħataw lil persuna teknika biex tevalwhom u l-Kunsill ikollu parir liema hu l-aħjar *tender*.

## 6. Part-timer

Is-Sindku qal li jeħtieg li nistabilixxu ħin kemm se taħdem il-*part-timer*. Il-Kunsill qabel li din taħdem bejn 15 u 20 siegħa. Is-Segretarja qalet li l-part-timer tista taħdem kuljum izda jkun hemm ġranet meta din ma jkollhiex x'tagħmel.

Is-Sur Abdilla qal li minn tagħrif li għandu din ġieli ħadmet 12 il-siegħa biss. Is-Segretarja qalet li l-part-timer ħadmet hekk xi ġimghatejn jew għax talbet hi jew inkellha kien hemm laqgħa li qalet li ser tattendi u wara m'attenditx allura tilfet is-siegħat. Qal ukoll li din tagħmel xi ricerka fuq l-internet u s-Segretarja qalet li ma tafx x'ricerka qed tagħmel issa tistaqsi is-sinjura Said.

Is-Sinjura Agius staqsiet il-part-timer x'għamlet s'issa bħala applikazzjonijiet. Is-Sindku wieġeb li din m'ghamlitx applikazzjonijiet għax m'għandniex żmien biex nagħmlu l-applikazzjoni tat-turiżmu.

## 7. Jum Hal-Ghaxaq

Wara diskussjoni ġie deċiż li Jum Ħal Għaxaq isir nhar il-Ħadd 25 ta' April 2010. Il-programm jibda b'quddiesa fid-9.00am. Għadu mhux deċiż lil min ser jingħata Gieh Ħal Għaxaq iżda bħala suġġeriment kien li dan il-ġieħ jingħata lil Fr. Joe Inguanez.

Is-Sinjura Agius issuġġeriet li ssir ħarġa għall- anzjani, filwaqt li s-Sur Vassallo qal li ser ikellem lis-Surmast ta' l-iskola primarja biex jagħmel maratona tal-futbol. Il-Kunsill qabel.

Sar qbil li jsir riċeviment dakinhar fis-7.30pm.

Sar qbil ukoll li ssir wirja tal-karozzi antiki Amerikani.

## 8. Suggerimenti mill-Kunsilliera

1. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jikteb lill-WSC u l-education biex il-Kunsill jingħata permess juża s-saqaf ta' l-iskola u l-wiċċ tal-ġibjun biex jagħmel panelli għall- energija tad-dawl. Il-Kunsill qabel unanimament.

2. Is-Sindku qal li hemm bżonn tintbaghat reminder biex issir bozza fi Triq 1 ta' Jannar.

3. Is-Sindku qal li hemm il-ħtiega li jixtraw 50 borża tarmak. Is-Segretarju qalet li qiegħed jinxtara wisq tarmak u l-Kunsill irid iġib kwotazzjoni mingħand suppliers oħra biex naraw il-prezzijiet u l-kwalita' tal-materjal. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sinjura Agius qalet li hemm il-ħtiega ta' tabelli ħdejn il-ħanut Bukkun biex juru l' fejn għandu jdur it-traffiku minħabba li issa hemm il-kameras biex in-nies jgħaddu minn naħa tat-triq fejn suppost.

5. Il-Vici-Sindku qal li hemm il-ħtiega li n-Notice Boards jitranġaw għax jidhru koroh u mhux puliti . Il-Kunsill qabel.

GĦAXAQ

6. Is-Sinjura Agius qalet li jeħtieg li l-Kumitati tal-kazini jiġu nfurmati biex wara l-festi t-toqob li jintużaw jerġgħu jingħalqu. Qalet ukoll li hemm arblu tat-telefon Triq id-Dejl li qiegħed mgħawweġ. Is-Sindku qal li dan diġa' kellem lil tat-telefon dwaru.

7. Is-Sindku issuggerixxa li napplikaw il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni biex isiru korsijiet għall- adulti. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Segretarju issuġġeriet li tinxtara card tal-mobile għal Kunsill biex b'hekk il-Kunsill ikollu n-numru u l-mobile tiegħu. Hi qalet li dan jista jintuza minn min ikollu bżonn. Il-Kunsill qal li ma jarawx il-ħtiega li din tinxtara.

## 9. <u>Aġġornament</u>

Is-Sindku fl-8.45 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 12 ta' April 2010 fil-5.30pm

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- It-Tnejn 12 ta' April 2010, fil-5.30pm